Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 32/22**
il-Lussemburgu, 22 ta' Frar 2022

Sentenza fil-Kawżi magħquda C-562/21 PPU u C-563/21 PPU Openbaar Ministerie (Qorti stabbilita bil-liġi fl-Istat Membru emittenti)

# Rifjut ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew: il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża l-kriterji li jippermettu lil awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tevalwa l-eventwali riskju ta' ksur tad-dritt fundamentali tal-persuna rikjesta għal smigħ xieraq

F'April 2021 inħarġu żewġ mandati ta' arrest Ewropej (iktar 'il quddiem il-"MAE") [1] minn żewġ qrati Pollakki kontra żewġ ċittadini Pollakki, għall-finijiet, rispettivament, tal-eżekuzzjoni ta' piena li ċċaħħad il-libertà u tal-eżekuzzjoni ta' proċeduri kriminali. Peress li l-partijiet ikkonċernati jinsabu fil-Pajjiżi l-Baxxi u ma tawx il-kunsens għall-konsenja tagħhom, ir-Rechtbank Amsterdam (il-Qorti Distrettwali ta' Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) ġiet adita bit-talbiet għall-eżekuzzjoni ta' dawn il-MAE.

Din il-qorti kienet esprimiet dubji fir-rigward tal-obbligu tagħha li tilqa' dawn it-talbiet. F'dan ir-rigward, hija rrilevat li, mill-2017, jeżistu fil-Polonja nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati li jaffettwaw id-dritt fundamentali għal smigħ xieraq [2], u b'mod partikolari d-dritt għal qorti stabbilita minn qabel mil-liġi, nuqqasijiet li jirriżultaw, b'mod partikolari, mill-fatt li l-imħallfin Pollakki jinħatru fuq proposta tal-Krajowa Rada Sądownictwa (il-Kunsill Nazzjonali tal-Maġistratura, il-Polonja, iktar 'il quddiem il-"KRS"). Issa, skont ir-riżoluzzjoni adottata fl-2020 mis-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja), il-KRS ma hijiex iktar, mid-dħul fis-seħħ ta' liġi ta' riforma ġudizzjarja tas-17 ta' Jannar 2018, korp indipendenti [3]. Sa fejn imħallfin maħtura fuq proposta tal-KRS setgħu jipparteċipaw fil-proċedura kriminali li wasslet għall-kundanna ta' wieħed miż-żewġ persuni kkonċernati jew setgħu jiġu msejħa sabiex jieħdu konjizzjoni tal-kawża kriminali tal-persuna l-oħra kkonċernata, il-qorti tar-rinviju tqis li jeżisti riskju reali li dawn il-persuni jġarrbu, fil-każ ta' konsenja, ksur tad-dritt tagħhom għal qorti stabbilita minn qabel mil-liġi.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, din il-qorti staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk l-eżami f'żewġ stadji[4], li ġie stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' konsenja abbażi ta' MAE, fir-rigward ta' garanziji ta' indipendenza u ta' imparzjalità inerenti fid-dritt fundamentali għal smigħ xieraq, ikunx applikabbli fl-ipotezi fejn tqum il-kwistjoni tal-garanzija, ukoll inerenti għal dan id-dritt fundamentali, li tirrigwarda qorti stabbilita minn qabel mil-liġi.

Il-Qort tal-Ġustizzja, fil-kompożizzjoni ta' Awla Manja u b'deċiżjoni b'applikazzjoni tal-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, tirrispondi fl-affermativ u tippreċiża l-modalitajiet ta' applikazzjoni ta' dan l-eżami.

---

[1] Fis-sens tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34, rettifika fil-ĠU 2009, L 17, p. 45), kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas 2009/299/ĠAI tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2009 (ĠU 2009, L 81, p. 24).
[2] Iggarantit mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
[3] Il-qorti tar-rinviju tirreferi wkoll għas-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Sistema dixxiplinari tal-imħallfin), C-791/19, punti 108 u 110 (ara l-SS Nru 130/21).
[4] Fil-kuntest tal-ewwel stadju ta' dan l-eżami, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha tevalwa r-riskju reali ta' ksur tad-drittijiet fundamentali fir-rigward tas-sitwazzjoni ġenerali tal-Istat Membru emittenti; fil-kuntest tat-tieni stadju, din l-awtorità għandha tivverifika, b'mod konkret u preċiż, jekk jeżistix riskju reali li jiġi ppreġudikat dritt fundamentali tal-persuna rikjesta, fid-dawl taċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ. Ara s-sentenzi tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja), C-216/18 PPU (ara wkoll l-SS Nru 113/18), u tas-17 ta' Diċembru 2020, Openbaar Ministerie (Indipendenza tal-awtorità ġudizzjarja emittenti), C-354/20 PPU u C-412/20 PPU (ara l-SS Nru 164/20).

## Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

Il-qorti tiddeċiedi li, meta l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li tkun mitluba tiddeċiedi dwar il-konsenja ta' persuna li tkun is-suġġett ta' MAE ikollha għad-dispożizzjoni tagħha elementi li jixhdu l-eżistenza ta' nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati f'dak li jikkonċerna l-indipendenza tal-ġudikatura fl-Istat Membru emittenti, fir-rigward b'mod partikolari tal-proċedura ta' ħatra tal-membri ta' dan il-poter, hija tista' tirrifjuta l-konsenja, abbażi tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 [5], biss jekk hija tikkonstata li jkunu jeżistu, f'dawn iċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, raġunijiet serji u pprovati sabiex wieħed jemmen li d-dritt fundamentali tal-persuna kkonċernata għal smigħ xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel mil-liġi, ma jkunx ġie rrispettat jew ikun f'riskju, fil-każ ta' konsenja, li ma jiġix irrispettat.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li d-dritt għal smigħ minn qorti "stabbilita bil-liġi" jinkludi, min-natura tiegħu stess, il-proċess ta' ħatra tal-imħallfin. Għalhekk, fil-kuntest tal-ewwel stadju ta' dan l-eżami intiż li jevalwa l-eżistenza ta' riskju reali ta' ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq, b'mod partikolari marbut man-nuqqas ta' osservanza tar-rekwiżit ta' qorti stabbilita bil-liġi, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha twettaq evalwazzjoni globali, ibbażata fuq kull element oġġettiv, affidabbli, preċiż u debitament ivverifikat fir-rigward tal-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja fl-Istat Membru emittenti u, b'mod partikolari, il-qafas ġenerali tal-ħatra tal-imħallfin f'dan l-istess Stat Membru. Tikkostitwixxi tali elementi l-informazzjoni li tinsab fi proposta motivata indirizzata mill-Kummissjoni Ewropea lill-Kunsill abbażi tal-Artikolu 7(1) TUE, ir-riżoluzzjoni tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema), hawn fuq imsemmija, kif ukoll il-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja [6] u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem [7]. B'kuntrast, il-fatt li korp, bħall-KRS, involut fil-proċess ta' ħatra tal-imħallfin jkun kompost, b'mod predominanti, minn membri li jirrappreżentaw lill-poter leġiżlattiv jew eżekuttiv jew magħżula minnhom, ma jistax ikun biżżejjed sabiex jiġġustifika rifjut ta' konsenja.

---

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106.*

---

[5] Ara f'dan is-sens l-Artikolu 1(2) u (3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 skont liema, minn naħa, l-Istati Membri għandhom jeżegwixxu kwalunkwe MAE abbażi tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku u skont id-dispożizzjonijiet ta' din id-deċiżjoni qafas u, min-naħa l-oħra, l-imsemmija deċiżjoni qafas ma jistax ikollha l-effett li timmodifika l-obbligu li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali u l-prinċipji legali fundamentali kif stabbiliti mill-Artikolu 6 TUE.

[6] Is-sentenzi tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-awla dixxiplinari tal-Qorti Suprema), C-585/18, C-624/18 u C-625/18 (ara l-SS Nru 145/19), tat-2 ta' Marzu 2021, A. B. *et* (Ħatra tal-imħallfin fil-Qorti Suprema - Rikors), C-824/18 (ara l-SS Nru 31/21), tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Sistema dixxiplinari tal-imħallfin), C-791/19 (ara l-SS Nru 130/21), kif ukoll tas-6 ta' Ottubru 2021, W.Ż. (Awla ta' stħarriġ straordinarju u affarijiet pubbliċi tal-Qorti Suprema - Ħatra), C-487/19 (ara l-SS Nru 173/21).

[7] Qorti EDB, 22 ta' Lulju 2021, Reczkowicz vs Il-Polonja.